# Heritage Malta b'żewġ dawriet fuq il-baħar li jiffokaw fuq it-Tieni Gwerra Dinjija

Heritage Malta

**Stqarrija 11 ta' Lulju 2022**

Dan is-sajf, Heritage Malta se terġa' torganizza d-dawriet popolari tagħha fil-portijiet, bl-enfasi din id-darba tkun fuq it-Tieni Gwerra Dinjija u l-effetti li ħalliet fuq il-Port il-Kbir, il-Port ta' Marsamxett u l-inħawi tagħhom.

It-tema tat-Tieni Gwerra Dinjija ntgħażlet billi din is-sena timmarka t-80 anniversarju minn meta Malta ngħatat il-George Cross mir-Re Ġorġ VI. Miżgħuda b'fortifikazzjonijiet, infrastruttura militari u strutturi importanti oħra, l-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett kienu mira ovvja għall-qawwiet tal-għadu matul il-gwerra. Id-dawriet fuq il-baħar għaldaqstant se jsegwu l-ġrajjiet storiċi li seħħew bejn l-1940 u l-1943 u li jistgħu jiġu deskritti bħala t-Tieni Assedju Kbir ta' Malta.

It-tagħrif storiku matul dawn id-dawriet se jingħata minn Matthew Balzan, Kuratur Ewlieni – Fortifikazzjonijiet fi ħdan Heritage Malta.

Se jsiru żewġ dawriet fuq il-baħar – waħda t-Tlieta 19 ta' Lulju u l-oħra l-Ħamis 21 ta' Lulju. Id-dgħajsa titlaq mix-Xatt ta' Tas-Sliema (Luzzu Cruises Point) fis-6.30pm. Dawk li se jixtru l-biljetti għandhom ikunu fuq il-post nofs siegħa qabel. Kull dawra tieħu siegħa u kwart.

Il-prezzijiet tal-biljetti huma kif ġej: L-adulti jħallsu €17, l-anzjani u l-istudenti jħallsu €15, it-tfal u l-membri ta' Heritage Malta jħallsu €10.

Il-biljetti jinxtraw online minn https://heritagemalta.mt/store/e1076/ u minn https://heritagemalta.mt/store/e1077/

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta